**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2019**

**Kawża Numru: 381/10**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Philippa Attard**
**(ID 63682(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata **Philippa Attard**, bint Anthony u Dorothy nee` Carbone, imwielda Pieta` fit-28 ta' Diċembru 1981 u residenti M4, Dapi, Savoy Terrace, Triq Luqa Briffa, Gżira, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 63862(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fl-10 ta' Awissu 2008 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellha liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija mingħajr ma kienet

fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizżżata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa tisma' l-provi mismugħa fil-kawża sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll id-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru 2016, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża tal-15 ta' Lulju 2015 u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet għalhekk lill-imputata quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-2 ta' Ottubru 2017, li permezz tagħha l-istess Bord esebixxa *inter alia* verbal tiegħu tal-25 ta' Settembru 2017 mil-liema jirriżulta illi l-Bord iddeċieda li jibgħat lura l-każ lill-Qorti b'rakkomandazzjoni illi dan jiġi magħluq;

Semgħet ix-xhieda ta' Doris Fenech, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali nhar is-17 ta' Jannar 2018, mil-liema jirriżulta illi l-kawża odjerna hija l-unika kawża pendenti fil-konfront tal-imputata;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018, l-imputata rreġistrat ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u kkonċedietilha żmien biżżejjed biex terġa' tikkunsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja ta' din l-istess imputazzjoni.

Mill-atti esebiti jirriżulta illi dak li wassal sabiex l-imputata tiġi akkużata bl-imputazzjoni odjerna kien illi nhar l-10 ta' Awwissu 2010, il-pulizija kellha informazzjoni fis-sens illi mill-fond B, M4, 'Savoy Terrace', Triq Luqa Briffa, Gżira, liema fond kien proprjeta` tal-imputata odjerna, kien qed isir traffikar ta' droga eroina. Fl-istess jum, twaqqfu żewġ żgħażagħ, Jason Bugeja u Patrick Muscat, magħrufa mal-pulizija li kellhom il-vizzju tad-droga u dan wara li ġew innutati deħlin u ħerġin mill-blokk li minnu kien jifforma parti l-imsemmi appartament. Hekk kif twaqqfu, Bugeja ġie innutat jarmi *sachet* tal-plastik bi trab kannella u fil-vettura ta' Muscat, instabet biċċa *foil* bi traċċi ta' ħruq fuqha. Għalhekk Bugeja u Muscat ġew arrestati u dakinhar irrilaxxjaw stqarrija kull wieħed, liema stqarrija kkonfermawha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti l-għada, il-11 ta' Awwissu 2008. Sussegwentement, nhar it-30 ta' Mejju 2009, kien ġie esegwit mandat ta' tfittxija fil-fond fuq imsemmi ġewwa l-Gżira, kif ukoll f'garaxx sottostanti proprjeta` tal-imputata odjerna, matul liema tfittxija nstabu oġġetti relatati mad-droga u minn hemm kienu ġew arrestati l-imputata u ċertu David Gatt.[1]

Fl-istqarrija tiegħu, kif konfermata minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, Jason Bugeja jgħid illi huwa kien jabbuża mid-droga eroina, li dakinhar (ossia fl-10 ta' Awwissu 2008), huwa mar ġewwa l-fond in kwistjoni sabiex jinqeda pakkett eroina u li huwa kien xtara l-qartas tal-plastik li kien rema mingħand David Gatt. Minn hemm Bugeja jispjega dwar kif kien jixtri l-eroina mingħand Gatt u mistoqsi jekk qatt kienx joħroġ ħaddieħor sabiex jagħtih id-droga minflok Gatt, huwa wieġeb fin-negattiv u jgħid illi Gatt dejjem kien waħdu meta nqeda mingħandu. Jiċħad illi huwa qatt inqeda mingħand Philippa Attard.

[1] Ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 8 sa 20 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg, a fol. 22 sa 23 tal-proċess; ix-xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci, a fol. 24 sa 26 tal-proċess; ix-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 28 sa 32 tal-proċess u x-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg, a fol. 36 sa 38 tal-proċess.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri[2], imbagħad, Bugeja jerġa' jikkonferma illi huwa qatt ma kien akkwista l-eroina mingħand l-imputata odjerna u li hija ma kinitx tkun preżenti meta kien jakkwista d-droga mingħand Gatt.

Fl-istqarrija tiegħu, kif konfermata minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, Patrick Muscat jgħid illi huwa għandu l-vizzju tad-droga u li matul l-aħħar tliet xhur qabel l-arrest tiegħu, huwa kien jakkwista l-eroina mingħand David Gatt. Jikkonferma li kien hemm okkażjonijiet fejn ma qdiehx hu personalment, iżda qdietu minflok it-tfajla tiegħu, Philippa Attard. Jippreċiża illi fil-waqt illi meta kien jidħol ġewwa fil-blokk, kien jaqdih Gatt, meta nqeda barra ġieli ħarġet taqdih ukoll Philippa Attard. Huwa għaraf ritratt, fost sett ta' ritratti murija lilu, bħala r-ritratt li juri x-xbieha tal-imputata odjerna. Fir-rigward tagħha, jgħid ukoll illi din qdietu xi ħames darbiet, li dejjem ħallasha €20 u li l-aħħar darba li qdietu kien xi ġimgħatejn jew tliet ġimgħat qabel.

L-istess Patrick Muscat xehed ukoll f'dawn il-proċeduri[3] u qal li huwa kien ġie arrestat meta kien wassal lil Jason Bugeja għand David Gatt u li t-tnejn kellhom il-vizzju tad-droga eroina. Ix-xhud għaraf lill-imputata odjerna, li kien jafha għaliex kienet tkun ma' Gatt. Jgħid ukoll illi dakinhar ma jafx x'kien mar jagħmel Bugeja għand Gatt, iżda jikkonferma illi Bugeja kien rema pakkett meta twaqqfu mill-pulizija, il-kontenut ta' liema jgħid illi kien droga eroina. Jgħid ukoll illi huwa kien ġieli mar għand Gatt u ġieli kienu kkonsmaw id-droga flimkien, iżda jgħid ukoll illi kulħadd kien iġib id-droga tiegħu u jinnega, kuntrarjament għal dak li kien xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, illi huwa kien akkwista d-droga mingħand Gatt u mingħand l-imputata odjerna.

Apparti illi l-imputata rreġistrat ammissjoni dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, huwa evidenti minn qari tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Muscat quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, illi lanqas il-Qorti ma kienet qegħda temmen lil Muscat matul din ix-xhieda tiegħu. Jidher ċar sa mill-bidu nett ta' din ix-xhieda illi Muscat ma riedx jikkonferma dak li kien qal preċedentement quddiem il-Maġistrat Inkwirenti – issa fil-presenza ta' Gatt u tal-imputata odjerna – b'mod partikolari meta qal illi huwa kien wassal lil Bugeja għand Gatt, iżda ma kienx jaf għalfejn Bugeja ried imur għandu u dan meta wieħed jikkunsidra illi preċedentement, kien qal illi l-ħsieb tagħhom kien li jaqsmu l-eroina li Bugeja xtara mumenti qabel l-arrest tagħhom. Huwa evidenti wkoll illi din ix-xhieda

[2] Ara a fol. 61 sa 66 tal-proċess.
[3] A fol. 39 sa 58 tal-proċess.

m'għandhiex mis-sewwa u m'hijiex verosimili u l-verżjoni tal-imputat li huwa kien ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti għaliex beża' u ried imur id-dar kemm jista' jkun malajr għaliex ommu kienet mara anzjana m'hijiex ħlief skuża fiergħa u attentat miżeru sabiex jirritratta mill-verżjoni li kien provda *a tempo vergine*, li del resto, fil-maġġor parti tagħha taqbel ma' dik li provda Bugeja.

In kwantu t-traffikar tad-droga eroina da parti tal-imputata għalhekk il-Qorti qegħda tistrieħ fuq dak li xehed oriġinarjament Muscat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Tqis ukoll għal fini ta' piena, il-fedina penali tal-imputata kif aġġornata sa Settembru 2013 u li sa dakinhar kienet tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija dwar pussess 'sempliċi' ta' *methadone* u eroina u dan b'referenza għal Marzu 2011 u x-xhur ta' qabel. Minn dakinhar, fis-26 ta' Marzu 2014, l-imputata nstabet ħatja *inter alia* dwar pussess aggravat tas-sustanza *methadone* u talli daħħlet oġġetti projbiti fil-ħabs u dan b'referenza għal April 2012, kif ukoll dwar traffikar tad-droga eroina f'Novembru 2012 u l-ġimgħat ta' qabel. F'dan ir-rigward ġiet ikkundannata għal piena ta' disa' xhur priġunerija u piena pekunjarja.

Tqis in oltre madankollu, illi kif ingħad iżjed 'il fuq, b'digriet tat-30 ta' Settembru 2016, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputata quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan wara li rriżultalha illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 kienu ġew sodisfatti, fosthom illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputata kellha dipendenza fuq id-droga, liema dipendenza ġiet ippruvata, a bażi tal-provi miġjuba mid-difiża, kemm mil-lat ta' gravita`, kif ukoll minn dak mediku.

Minn dakinhar ir-rapporti kollha li ġew ippreżentati mill-Bord fir-rigward tal-imputata kienu lkoll pożittivi. Jirriżulta minn dawn ir-rapporti illi l-imputata bdiet tirċievi s-servizzi tal-Aġenzija Caritas f'Diċembru 2012, kompliet l-*evening programme* u sussegwentement, bdiet issegwi programm u gradwat minnu b'suċċess fis-sena 2014. Hija dejjem żammet l-impjieg tagħha u wriet motivazzjoni u dedikazzjoni kbira sabiex tirrijabilita ruħha mill-vizzju tad-droga. Skont l-istess rapporti, l-imputata mhux biss għamlet progress, iżda biddlet ħajjitha kompletament. Kienet persuna affidabbli, konsistenti u kienet dejjem tassikura li żżomm mal-pjan ta' kura. Il-kampjuni tal-urina li hija ssottomettiet matul il-perjodu li kienet quddiem il-Bord irriżultaw ilkoll fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Fil-fatt l-imputata dejjem żammet il-bogħod mid-droga minn Novembru 2012 'il quddiem. In oltre kif ingħad iżjed 'il fuq, b'nota tal-25 ta' Settembru 2017, wara li

l-imputata kienet ilha ħames snin il-bogħod mid-droga, ikkoperat konsistentement mal-pjan ta' kura u kellha mpjieg stabbli, il-Bord bagħat il-każ lura lil din il-Qorti.

Illi jirriżulta ċar u evidenti mill-provi proċesswali illi l-għerq tal-problemi kollha li l-imputata sabet ruħha fihom kienet ir-relazzjoni tagħha mas-sieħeb tagħha ta' dak iż-żmien, u li b'konsegwenza ta' din ir-relazzjoni, hija spiċċat fil-vizzju tad-droga eroina. Il-Qorti m'għandhiex dubju, in vista tal-provi prodotti, illi l-imputata wettqet ir-reat li tinsab akkużata bih, kemm fid-dawl tar-relazzjoni li hija kienet tinsab fiha, kif ukoll minħabba l-fatt illi dak iż-żmien hija kellha l-vizzju tad-droga u kienet dipendenti fuq l-istess. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputata, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi hija impenjat ruħha serjament u rnexxielha tirriforma ħajjitha u tirrijabilita ruħha mill-vizzju tad-droga. Notevolment, il-Qorti tikkunsdra mhux biss illi l-imputata fittxet l-għajnuna u m'għadhiex dipendenti mid-droga, iżda għandha wkoll impjieg fiss u reġgħet irrintegrat ruħa kemm mal-familja tagħha, kif ukoll fis-soċjeta` in ġenerali.

Għalhekk tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputata qed tinstab ħatja, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Tqis illi fid-dawl, mill-banda l-waħda, tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-imputata qed tinstab ħatja, u mill-banda l-oħra, tal-progress notevoli li hija għamlet, sentenza ta' priġunerija sospiża hija waħda idonea.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850).

Il-Qorti wissiet lill-ħatja fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba hija tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat